MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## TONIO MALLIA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2014

Appell Civili Numru. 349/2004/1

**Nancy Magro**

**v.**

**Karmenu Magro**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni li l-attrici pprezentat fil-15 ta’ Ottubru 2004, li taqra hekk:

“Illi l-kontendenti izzewgu fid-19 ta' Novembru, 1988 fil-knisja tal-Kapuccini, Floriana fejn minn dan iz- zwieg kellhom zewg (2) titfal, li jisimhom Marika u Renzo.

“Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli minhabba adulterju, sevizzi, minacci, insulti, eccessi u ingurji gravi da parti tal-konvenut;

“Illi l-partijiet ge debitament awtorizzati biex jippresentaw din 1- istanza, u dan kif titlob il-ligi stess;

“Jghid l-istess konvenut ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. “Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut u ai finijiet tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap. 16), tistabilixxi d- data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda;

2. “Tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut li hu r-ragel taghha;

3. “Tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill- attrici dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi iffissata mill-istess Qorti, skont il-bzonnijiet tal-attrici, pagabbli mill-konvenut lill-istess attrici fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn din il-qorti kif ukoll li l-manteniment jinqatgha direttament mill-paga favur l-istess esponenta attrici;

4. “Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti, id-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 tal- Kodici Civili (Kap. 16);

5. “Tiddikjara xolta l-kommunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjoni komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn dina l-Qorti.

6. “Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni kollha parafernali taghha u separatament tordna illi l-attur jigi moghti l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha;

7. “Tiddikjara illi d-dar taz-zwieg tigi okkupata esklussivament mill-attrici bl-eskluzzjoni tal-konvenut, iktar u iktar meta ghad hemm minuri taht il-kura ta' l-attrici, kif ukoll peress li l-konvenut hu nteressat mhux fil-familja imma fir-relazzjoni adultera li stabilixxa ma' persuna tas-sess oppost;

8. “Tawtorizza lill- attrici sabiex tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti;

“Bl-ispejjez kollha involuti kontra l- konvenut kif ukoll tal-mandati ta' sekwestri debitament ippresentati li minn issa ingunt ghas-subizzjoni.”

Rat illi l-konveut li gie notifikat bil-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni ma pprezentax nota tal-eccezzjonijiet u allura baqa’ kontumacji skont il-ligi;

Rat is-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) moghtija fis-27 ta’ Marzu 2012 li permezz taghha l-Qorti iddecidiet b’dan il-mod:

“**Provi**.

“Jirrizulta li l-partijiet izzewgu fl-1988 u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, Marika li llum ghandha tnejn u ghoxrien sena u tghix ghal rasha u Renzo li llum ghandu sittax-il sena u jabita mal-konvenut L-attrici toqghod f’post mikri bi tlett mitt ewro fix-xahar. Maghha toqghod tifla zghira li mhijiex tal-konvenut. Il-partijiet ilhom is-snin separati de facto u l-konvenut baqa’ jghix fid-dar

matrimonjali li l-partijiet kienu bnew fuq art li xtraw matul iz-zwieg in forza ta' kuntratt in atti Nutar Dottor Mario Bugeja tat-28 ta' Frar 1991.

"Fix-xhieda taghha l-attrici spjegat li kienet telqet mid-dar matrimonjali peress li l-konvenut kien beda jsawwatha u jsakkarha fid-dar. Kellhom hafna disgwid fil-passat ghaliex il-konvenut kien johrog mal-hbieb u l-attrici jhalliha d-dar mat-tfal. Skont l-attrici, l-konvenut kien jifrekwenta postijiet li ma kienux xierqa ghal ragel mizzewweg.

"Tghid ukoll li meta kienu ghadhom flimkien il-konvenut kien qed ibati minn depression u ghalkemm it-tabib kuranti tieghu kien irrakkomanda li jigi rikoverat ghal xi zmien gewwa l-Isptar Monte Carmeli, minflok baqa' d-dar u kienet tiehu hsiebu hi.

"L-attrici spjegat ukoll li anke hi kienet giet certfikata li qed tbati minn deperession u kienet giet rikoverata ghal xi zmien fl-Isptar Monte Carmeli. Dak iz-zmien li kienet hekk rikoverata l-konvenut kien mar jaraha u quddiem in-nurse qalilha li z-zwieg ta' bejniethom kien spicca u li ried jissepara. Din l-ahbar ixxukjata u l-kondizzjoni mentali taghha kompliet tmur ghal aghar. Kien imur jaraha darba fil-gimgha u jiehu mieghu lil ulied il-partijiet. Gara izda li kull meta kien qed imur kien qed johloq xi argument maghha tant li n-nurse tal-isptar qaltlu sabiex ma jkompliex imur.

"F'dak il-perijodu l-konvenut dahhal liz-zewg minuri f'dar tat-tfal u din il-haga l-attrici hassitha hafna ghaliex kienet tal-fehma li kien hemm membri tal-familja li setghu izommu ghal ftit lil dawn iz-zewg ulied.

"Meta t-tabib tal-isptar gie biex jirrilaxxja lill-attrici, l-konvenut irrifjuta li jiffirma d-dokumenti mehtiega biex l-attrici tkun tista' tohrog mill-isptar u kellha tiffirmhom ommha. Meta giet rilaxxjata mill-isptar l-attrici marret toqghod ghal xi zmien ghand ommha fuq rakkomandazzjoni tat-tabib kuranti taghha u ma rritornatx fid-dar matrimonjali. Damet tghix ghand ommha ghal madwar tlett snin meta imbaghad kriet post u marret toqghod fih fejn ghadha tirrisjedi sal-lum.

“Xehdet Maryanne Grech, omm l-attrici, u korroborat diversi partijiet mix-xhieda tal-attrici. Irrakkontat okkazzjoni fejn l-attrici marret ghandha wiccha u jdejha migrufin u kienet haditha l-polyclinic. Ix-xhud spjegat li fil-presenza taghha l-konvenut kien jajjar lill-attrici bi kliem oxxen.

“Ikkonfermat l-episodju fejn il-konvenut kien irrifjuta li jiffirma sabiex l-attrici tigi rilaxxjata mill-Isptar Monte Carmeli u li kellha tiffirma hi. Dwar dak iz-zmien tghid hekk:-

> “Irrid nghid pero’ li huwa ma ridhiex id-dar lit-tifla tieghi ghax sadanittant kien qed jiffrekwenta mara ohra u kien qed johrog maghha wkoll. Jiena naf li din il-mara jisimha Rodianne pero’ kunjomha ma nistax niftakru bhalissa pero’ naf li kienet mill-Isla. Jien kont rajtu ma’ din il-mara li jisimha Rodianne, konna qeghdin Birzebbuga konna jiena, t-tifla tieghi jigifieri l-attrici u t-tifla tieghi l-ohra li jisimha Pauline u konna rajnih Birzebbuga u kif rana beda jsuq il-karozza kemm jiflah in-naha ta’ Ghar Hassan”.

“`Il quddiem il-konvenut dahhal tghix fid-dar matrimonjali l-partner tieghu li minnha kellu wkoll tarbija.

“Ix-xhud spjegat ukoll il-maltrattamenti li f’dak iz-zmien l-attrici kienet issofri miz-zewg uliedha fil-presenza tal-konvenut li ma kien jaghmel xejn biex iwaqqafhom. Ghamel zmien ukoll li kien ta struzzjonijiet lill-isptar sabiex ma jhallux lill-omm l-attrici tidhol hdejha u kien ikollha tikkomunika maghha permezz tat-telefon.

“Xehed il-Professur Joseph Vella Baldacchino illi kien it-tabib kuranti tal-attrici fiz-zmien li kienet giet rikoverata l-isptar. Spjega li fil-bidu l-konvenut kien imur sabiex l-attrici tohrog ghal xi ftit izda maz-zmien il-konvenut ma baqghax imur jaraha. Jispjega illi meta kienet tkun tajba u tigi rilaxxjata kienet tmur id-dar u terga tirkadi.

“Il-konvenut kien waqa’ kontumaci f’dawn il-proceduri.

“**Konsiderazzjonijiet**.

"**Responsabbilta' ghat-tkissir taz-zwieg**.

"Mill-assjem tal-provi jirrizulta illi ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-partijiet jahti unikament il-konvenut ghar-ragunijiet segwenti.

"Fl-ewwel lok gie sodisfacentement ippruvat li meta l-partijiet kienu ghadhom flimkien il-konvenut kien vjolenti mal-attrici. Omm l-attrici ikkorroborat dak li xehdet l-attrici f'dak li jirreferi ghall-agir vjolenti tal-konvenut. It-trattament vjolenti li l-attrici kienet tircevi minghand il-konvenut kompla jkollu influwenza negativa fuq il-kondizzjoni medika tal-attrici.

"Fit-tieni lok jirrizulta sodisfacentement illi tant is-sitwazzjoni fid-dar matrimonjali kienet qed taghmel hsara lill-attrici, li t-tabib kuranti taghha stess irrakkomandalha illi meta tohrog mill-isptar ma tirritornax fid-dar matrimonjali izda tmur tabita ghal xi zmien ghand ommha.

"Il-fatt li l-kovenut irrifjuta li jiffirma l-karti necessarji sabiex l-attrici tohrog mill-Isptar juri li l-intenzjoni tieghu ma kinitx li l-familja terga' tinghaqad wara r-rikoveru tal-attrici fl-isptar. Tant hu hekk li f'xi zmien wara huwa dahhal tghix mieghu fid-dar matrimonjali mara ohra li minnha eventwalment kellu tarbija.

"Proprju meta l-attrici kellha l-aktar bzonn l-assistenza tal-konvenut ghaliex kienet marida, l-konvenut abbandunaha. Huwa censurabbli u kundannabbli l-agir tal-konvenut illi proprju meta l-attrici kienet qieghda tigi rikoverata l-Isptar Monte Carmeli ghall-kura, huwa mar hemmhekk u informaha li kien behsiebu jitlob is-sseparazzjoni personali.

"L-agir tal-konvenut kif aktar qabel spjegat, fl-assjem tieghu jammonta ghal vjolenza, fizika u morali. Apparti dan, hemm ukoll l-agir kundannabbli tal-konvenut illi fid-dar matrimonjali dahhal mara ohra, ikkoabita maghha u minnha kellu tarbija filwaqt li l-attrici spiccat tghix band'ohra.

“Hija ghalhekk il-konkluzzjoni tal-Qorti illi ghat-tkissir taz-zwieg ta’ bejn il-partijiet jahti unikament il-konvenut.

“**Komunjoni tal-Akkwisti**.

“L-attrici tispjega illi l-assi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti ta’ bejn il-partijiet huma d-dar matrimonjali kif ukoll il-mobbli li hemm fiha li skont l-attrici inxtraw kollha fiz-zwieg.

“Dwar il-fond immobiljari l-attrici pprezentat waqt is-seduta tad-19 ta’ Gunju 2013 kopja ta’ kuntratt ippubblikat min-Nutar Dottor Mario Bugeja fit-28 ta’ Frar 1991 li permezz tieghu il-konvenut xtara waqt iz-zwieg “art farbbrikabbli, formani parti mill-ghalqa maghrufa bhala “Il-Gnien” sive “Tal-Gwiegen”, Qrendi, fi Triq gdida bla isem prolungament ta’ Triq Massabielle, b’faccata ta’ sitta punt tnejn tmienja metri (6.28m) ossia tlett qasab fuq it-triq imsemmija, tal-kejl ta’ cirka mitejn u disgha punt wiehed erbgha metri kwadri (209.14m$^2$), konfinanti min-nofsinhar mat-triq ismemmija, mil-lvant ma’ plot numru wiehed u hamsin proprjeta’ ta’ Angela Briffa u mill-punent ma’ propjreta’ ta’ Nicholas Abdilla, libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha, indikata bhala plot tnejn u hamsin fuq pjanta annessa ma’ att tan-Nutar George Cassar tal-14 ta’ April 1981.

“Sussegwentement din l-art giet zviluppata u fuqha l-partijiet bnew il-fond wiehed u sittin (61), Triq Massabielle, Qrendi.

“Peress li meta din l-art inxtrat il-partijiet kienu gia’ mizzewgin, sew l-art kif ukoll dak li inbena fuqha jappartjeni l-komunjoni tal-akkwisti.

“Dwar il-pretensjoni tal-attrici fir-rigward tal-mobbli li hemm fid-dar matrimonjali, l-attrici ma resqet l-ebda prova fir-rigward u ghalhekk il-Qorti mhijiex f’posizzjoni li tistabbilixxi l-konsistenza taghhom.

“**Manteniment**.

"Il-pretensjoni tal-attrici ghall-manteniment giet irtirata waqt is-seduta tad-29 ta' Mejju 2013 fejn inoltre ddikjarat illi l-unika pretensjoni li kellha fil-konfront tal-konvenut kienet tirrigwarda biss sehemha mid-dar matrimonjali.

"**Decide**.

"Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

"1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-partijiet jahti unikament il-konvenut. Stante li l-attrici irriduciet it-talba taghha ghal sehemha mid-dar matrimonjali m'hemmx lok ta' pronunzjament ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili.

"2. Tilqa' t-tieni talba.

"3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba in kwantu giet irtirata mill-attrici kif fuq spjegat.

"4. Tichad ir-raba' talba.

"5. Tilqa' l-hames talba, tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwida l-istess billi tordna li l-fond numru 61, Triq Massabielle, Qrendi, bl-attinenzi kollha tieghu sottostanti u sovrastanti, jinbiegh taht l-awtorita' tal-Qorti u r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet f'ishma indaqs bejniethom. Ghal fini ta' stima tal-valur tal-fond immobiljari qed tinnomina lill-Perit Arkitett Alan Saliba a spejjez tal-konvenut.

"6. Tichad is-sitt talba stante li ma rrizultaw l-ebda assi allegatament parafernali tal-attrici fil-pussess tal-konvenut.

"7. Tilqa' parzjalment is-seba' talba billi tordna lill-konvenut sabiex zmien tlett xhur mid-data ta' din is-sentenza jizgombra mill-fond 61, Triq Massabielle, Qrendi.

"8. Tilqa' t-tmien talba.

"Bl-ispejjez kontra l-konvenut."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li permezz tieghu talab li din il-Qorti tannulla s-sentenza msemmija u tordna li l-atti jergghu jintbaghtu quddiem l-ewwel Qorti biex huwa jressaq il-provi tieghu u f'kaz li dan ma jsirx, timmodifika s-sentenza rigward l-ewwel, il-hames u s-seba' talba izda tikkonfermah fil-kumplament taghha, bl-ispejjez kontra l-attrici appellata;

Rat ir-risposta tal-attrici li permezz taghha talbet li s-sentenza imsemmija tigi konfermata.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Mejju 2014 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi l-appellant ghandu tlett aggravji; **l-ewwel wiehed** jirrigwarda l-fatt li huwa gie notifikat bil-procedura indikata mill-Artikolu 187 (3) tal-Kap. 12. Hawnhekk il-Qorti thoss li ghandha ticcensura bl-aktar mod qawwi l-mod kif agixxa d-difensur li kellha l-attrici dak iz-zmien illi dam aktar minn sebgha snin biex beda l-proceduri li jinnotifika lill-konvenut ai termini ta' dan l-artiklu. Kien minhabba f'hekk li l-kawza damet tmien snin biex giet deciza. Il-fatt li persuna tkun qed tipprocedi bl-ghajuna legali ma ghandux ifisser li l-Avukat li jkun qed jassisti lil dik il-persuna ghandu jittraskura d-doveri tieghu b'dan il-mod.

Jirrizulta mill-atti li l-ewwel kien hemm zewg tentattivi biex il-konvenut jigi notifikat bil-mezzi normali u dawn saru fil-fond 52 Triq Massabilelle il-Qrendi; eventwalment sar tentattiv iehor fin-numru 61 fl-istess triq (li huwa n-numru korrett) u r-riferta kienet li ma fetah hadd (61). Fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2011 il-Qorti korrettement semghet lill-attrici bil-gurament illi ikkonfermat li l-konvenut kien effettivament joqghod fin-numru 61 Triq Massabielle il-Qrendi u l-kawza thalliet ghan-notifika bl-affissjoni u l-pubblikazzjoni. Allura irrizulta, kif irid l-Artikolu 187 (3) imsemmi li *id-dhul fil-post tar-residenza ma setghax isir* u ghalhekk kienet korretta l-Qorti li ordnat in-notifika b'dan il-mod. Effettivament din in-notifika finalment saret fit-2 ta' Novembru 2011. Kwindi fis-seduta ta' wara u cioe` fit-30 ta' Novembru 2011 il-Qorti innominat lill-assistenta gudizzjarja Dr. Nadya Vella biex tisma' l-provi. Hawn ta' min jghid li ghalkemm

kienet ghadha ma saritx in-notfika bil-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern u gazzetta lokali din saret eventwalment (f'Settembru 2012) u dan **qabel** ma bdew jinstemghu l-provi. Ghalhekk minghajr dubbju l-konvenut kien hawnhekk regolarment notifikat skont l-Artikolu 187 (3). L-attrici xehdet fl-ewwel seduta u wara ttellghu x-xhieda l-ohra.

L-appellanti jsostni li huwa ma giex notifikat regolarment bil-purtier ghaliex sar 'renumbering' u dan jista' jkun li japplika ghall ewwel zewg notifiki li saru fin-numru 52. Madankollu indubbjament l-ahhar tentattiv sar fil-fond numru 61 u irrizulta li lill-purtier ma fetahlu hadd. Ghalhekk in-notifika saret regolarment u ma hemm xejn biex iwassal lill-Qorti tiddikjaraha nulla. Din il-Qorti zzid tghid li ghalkemm ma hemmx prova inkonfutabbli li l-appellant ircieva l-ittri in kwistjoni, jirrizulta li l-assistent gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia (illi issostitwixxa lil Dr. Vella fl-inkarigu) kien dejjem jibghat jinforma lill-partijiet bis-seduti ffissati quddiemu u fil-process hemm il-kopji tal-ittri li kien jibghat fejn ma jidhirx li huwa issenjala li xi ittra minnhom waslitlu lura.

**Iz-zewg aggravji l-ohra** tal-appellant jirrelataw dwar il-mertu. Huwa jilmenta li ma kienx il-htija ghat-tifrik taz-zwieg u li l-Qorti ma kellhiex tordna l-bejgh tal-fond matrimonjali u kien hemm bizzejjed biex issir qasma fis-sens li l-attrici tigi assenjata l-garaxx li skont hu, jiswa aktar mill-fond matrimonjali.

Dwar il-htija il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni tal-kontenut tar-rikors tal-appell bhala provi ghaliex dawn ma jikkostitwixxux xhieda guramentata u ladarba l-appellant huwa kontumaci mhuwiex f'posizzjoni li jressaq provi ghalkemm naturalment il-kontumacja m'hijiex ammissjoni anzi kontestazzjoni.

Madankollu jidher li z-zewg partijiet kellhom wild barra miz-zwieg u l-attrici 'ex admissis' fid-deposizzjoni taghha tammetti li kellha tifla minn persuna ohra wara li telqet mid-dar matrimonjali. Ghalhekk il-Qorti taqbel li ghat-tifrik taz-zwieg ghandhom 'jehlu' z zewg partijiet ghaliex ghalkemm indubbjament kien hemm ragunijiet ohra ghat-tifrik taz-zwieg, *l-adulterju dejjem kien meqjus bhala l-kawzali l-aktar gravi illi ghaliha l-Qorti tawtorizza s-separazzjoni personali*. (**Vol XXXVII-parti ii, pagna 693**). Dan naturalment ikun rifless ukoll fil-kap tal-ispejjez.

Dwar il-vendita tal-fond in kwistjoni ma jidher li hemm ebda raguni ghalfejn ghandha tigi varjata d-decizjoni tal-ewwel Qorti. Il-konvenut la gab u lanqas jista' issa f'dan l-istadju jgib prova li l-proprjeta` formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti tista' tinqasam komodament ghalkemm il-Qorti tistieden il-partijiet ghall-gid taghhom stess biex jaslu fi ftehim bonarju ta' kif ghandha tinqasam jew tinbiegh il-proprjeta` in kwistjoni.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tiddeciedi l-appell billi tilqghu biss billi tiddikjara l-partijiet ugwalment responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg u tordna li l-ispejjez tal-ewwel istanza jkunu bla taxxa; mill-bqija tikkonferma s-sentenza appellata u allura tichad il-kumplament tal-appell; l-ispejjez tal-appell ikunu kwantu ghal terz ($^{1}/_{3}$) ghall-appellata u zewg terzi ($^{2}/_{3}$) ghall appellant.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------